MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 483/2005

**Dr Luciano Busuttil (ID 373574M)**

**vs**

**Mario Xuereb u Louiselle Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fis-7 ta' Settembru 2005 fejn talab lil din il-Qorti illi l-konvenuti bhala kap ta' Net News u Editur Ezekuttiv ta' Net Television ikunu kkundannati jhallsu dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta u dan minhabba servizz ta' l-ahbarijiet li xxandar fit-7:45p.m. nhar is-7 t'Awissu 2005 u liema servizz ta' l-ahbarijiet kellu kontenut malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li l-ghan tieghu huwa li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Preliminarjament illi l-konvenut Xuereb mhux azzjonabbli taht il-Ligi Dwar l-Istampa (Kap 248);
2. Illi x-xandira in kwistjoni mhix libelluza billi tammonta ghal *‘fair comment’* dwar persuna f’kariga pubblika

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-meritu trid tiddisponi mill-eccezzjoni preliminari mqajjma mill-konvenuti kif ahjar spjegati fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghhom.

Il-konvenut Mario Xuereb beda biex ighid illi huwa mhuwiex azzjonabbli peress illi bhala kap ta’ Net News ma kienx wiehed mill-persuni illi huma msemmija fl-Artikolu 23 tal-Kap 248 li jsemmi l-awtur tal-kitba, l-editur u jekk dawn il-persuni ma jkunux jistghu jigu identifikati r-responsabbli ghall-pubblikazzjoni. F’dan il-kaz l-attur qieghed jilmenta minn xandira li saret fl-ahbarijiet fis-7 t’Awissu 2005 li kellha kontenut malafamanti fil-konfront tieghu u harrek lill-konvenuti bhala responsabbli ghal din ix-xandira. Kif tajjeb osservaw il-konvenuti qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkundannahom irid l-ewwel ikollha l-prova illi huma responsabbli ghal tali xandira, liema prova tista’ ssir mir-registratur ta’ l-istampa fil-kuntest ta’ l-Artikolu 35 et sequitur tal-Kap 248. Din il-prova ma saritx u ghalhekk ma rrizultax mill-atti li l-konvenuti huma responsabbli ghax-xandira in kwistjoni. Dana qed jinghad ukoll fil-konfront ta’ Louiselle Vassallo li giet imharrka bhala editur ezekuttiv, izda ma saritx il-prova tal-konnessjoni tal-konvenuta Vassallo ma’ l-istazzjon in kwistjoni.

Dana wahdu kellu jkun bizzejjed sabiex jissodisfa l-eccezzjoni moghtija mill-konvenuti pero' hemm osservazzjoni ohra li l-Qorti hija obbligata illi taghmel peress illi t-talba kif kontenuta fl-avviz ma tirrispettax il-provi illi gew prodotti f'din il-kawza.

Kif gia nghad, fit-talba l-attur qieghed jilmenta minn xandira izda l-provi kif ukoll l-affidavit tieghu jirreferu ghall-artikolu li huwa ppubblikat fil-gazzetta *'Il-Mument'* tal-Hadd 7 t'Awissu 2005, liema artikolu inkiteb minn Joe Micallef u Keith Demicoli illi m'humiex konvenuti f'din il-kawza.

L-attur ighid illi l-kontenut ta' l-artikolu jirrifletti x-xandira u prova ta' dan esebixxa *tape* tax-xandira in kwistjoni. Il-Qorti ma tistax tara dan it-*tape* fl-assenza tal-partijiet sakemm ma tkunx espressament awtorizzata ghal daqshekk. Din l-awtorizzazzjoni ma gietx u ghalhekk il-Qorti ma tistax *"di proprio"* tara din il-prova fl-assenza tal-partijiet, ghalhekk tibqa' biss il-prova tal-gazzetta li m'ghandha x'taqsam xejn ma' dak illi talab l-attur fl-avviz tieghu.

L-Artikolu 213 tal-Kap 12 jaghti certa latitudni lill-Qorti tal-Magistrati fejn jekk jigi ppruvat jedd iehor, ghad li dak il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali l-Qorti tista' tiddeciedi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun hekk gie pruvat fuq l-istess citazzjoni.  Izda f'dan il-kaz jezisti jedd wiehed, il-jedd illi l-attur ma jkunx malafamat minn xi azzjoni da parti tal-konvenuti. Il-prova illi gab l-attur ma tirrigwardax il-konvenuti, izda terzi illi mhumiex fil-kawza u ma jistax jahrab b'semplici dikjarazzjoni fin-nota ta' l-osservazzjonijiet illi dak illi gie rrapportat fil-gazzetta huwa sostanzjalment dak illi gie mxandar fix-xandira in kwistjoni.

Nota ta' osservazzjonijiet ghandha sservi biex isir studju dwar il-provi migbura u jsiru argumenti dwarhom u mhux agrumenti godda illi ma rrizultawx fl-istadju tal-provi. Ghalhekk kien jinkombi fuq l-attur illi jgib il-provi li gratlu hsara tort tal-konvenuti. La din il-prova ma saritx l-attur ma jistax ikollu success fl-istanza tieghu. Il-Qorti tikkonkludi illi l-attur ma ppruvax illi x-xandira inkwistjoni tas-7 ta' Mejju 2005 kien fiha xi kontenut malafamanti fil-

konfront tieghu u lanqas ma rnexxielu jipprova illi l-konvenuti kienu responsabbli ghal dik ix-xandira.

Ghal dawn il-motivi,

Filwaqt illi l-Qorti tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti. Tichad it-talba ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------